**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA**

**LAQGĦA NRU 16**

**L-Erbgħa, 10 ta' Settembru 2025**

Il-Kumitat Permanenti għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika ltaqa' fil-Kamra tal-Kumitati fil-binja tal-Parlament, il-Belt Valletta, fil-11.38 a.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippreseda.

**PREŻENTI**

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Onor. Jonathan Attard, is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, l-Onor. Ryan Callus u l-Onor. Paula Mifsud Bonnici (Membru Sostitut).

**MINUTI**

Il-Minuti tal-laqgħa 15 tat-30 ta' Mejju 2025 kienu approvati.

**DOKUMENTI**

Għall-fini ta' rekords l-Ispeaker informa lill-Kumitat illi huwa kien għadda lill-Membri:

Dok. 42 Rapport dwar Investigazzjoni mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika bir-referenza K/071 dwar ilment dwar *allegazzjoni ta' Nuqqas ta' attendenza għax-xogħol bħala perit mal-gvern u għemil ta' xogħol privat waqt il-ħin tax-xogħol mill-Onor. Toni Bezzina,* datat 3 ta' Ġunju 2025

Dok. 43 Rapport dwar Investigazzjoni mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika bir-referenza K/047 dwar ilment dwar *allegazzjoni ta' Kunflitt ta' interess li joħroġ mill-aċċettazzjoni ta' benefiċċji fil-forma ta' propjetajiet biex jintużaw bħala uffiċċji tal-kostitwenza,* datat 14 ta' Awwissu 2025

Dok. 44 Rapport dwar Investigazzjoni mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika bir-referenza K/070 dwar ilment dwar *allegazzjoni ta' Nuqqas ta'*

*attendenza għax-xogħol bħala għalliem mal-gvern,* datat 21 ta' Awwissu 2025

**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI MILL-KUMMISSARJU GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA (KAŻ K/082)**

L-Ispeaker għamel referenza għar-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika dwar il-każ K/082 li huwa kien irċieva mill-istess Kummissarju u li kien għadda mill-ewwel lill-membri tal-Kumitat.

Il-Kumitat qabel li r-rapport bir-referenza K/082 għandu jsir pubbliku.

Dok. 45 Rapport dwar Investigazzjoni mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika bir-referenza K/082 datat 19 ta' Awwissu 2025 dwar ilment dwar *Ħruġ ta' stqarrija uffiċjali li tinkludi kontenut ta' natura partiġġjana*

Fil-11.40 p.m. il-Kumitat aġġorna għal data li tiġi komunikata aktar tard.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**